**Klabb 3-16 INFO SHEET**

**X'inhu Klabb 3-16?**

Klabb 3-16 huwa programm ta' wara l-ħin tal-iskola li joffri servizz ta' ħarsien għal tfal tal-iskola. Is-servizz huwa pprovdut mill-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) Is-servizz ikopri l-ħin battal ta' wara l-iskola sakemm il-ġenituri jispiċċaw mix-xogħol u fejn hu possibbli jipprovdi ħarsien anki waqt ġranet ta' vaganzi. Hemm ippjanat programm t'attivitajiet edukattivi fejn it-tfal jistgħu jlestu l-*homework* tagħhom u jieħdu sehem f'attivitajiet edukattivi u ta' gost. Is-servizz huwa offrut f'ambjent san u kompatibbli ħat-tagħlim b'superviżjoni adekwata mill-adulti waqt ħinijiet mhux tal-iskola.

Klabb 3-16 joffri servizz għal tfal bejn 3 snin u 16 -il sena li jattendu skejjel tal-Gvern, tal-Knisja u Indipendenti. Il-Klabb ser ikun immexxi minn tim ta' persuni ddedikati u marrġa b'mod professjonali. Kull ċentru ser ikollu Ko-ordinatur li ser ikun responsabbli għat-tmexxija taċ-ċentru rispettiv.

**X'inhuma l-ħinijiet tal-ftuħ?**

Is-servizz huwa offrut mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn is-2.30 pm sas-6.00 pm matul il-ġranet tal-iskola u mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.30 am u s-6.00pm fi ġranet ta' vaganz i. (*skont it-talba*)

**X'attivitajiet ikunu organizzati?**

Il-programm ta' Klabb 3-16 ser jimxi fuq varjeta` ta' attivitajiet ta' arti u krafts, sports, drama, mużika, tisjir, logħob liberu (*free play)*, eċċ.

**Min jiġbor t-tfal mill-iskola u mill-Klabb 3-16?**

Il-ġenituri jistgħu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom u jwasslu t-tfal huma stess jew jagħmlu użu mis-servizz ta' trasport offrut miċ-ċentri. Is-servizz ta' trasport mill-iskola tat-tifel/tifla tiegħek saċ-ċentru jista' jiġi organizzat bi ħlas addizzjonali. **Il-ġenituri huma responsabbli sabiex jġħaddu għat-tfal tagħhom meta jispiċċa Klabb 3-16.**

**Jistgħu t-tfal tiegħi jagħmlu l-*homework* waqt li jkunu qegħdin fil-Klabb 3-16?**

It-tfal ser ikunu qed jagħmlu l-*homework* bejn it-3.00 pm u l-4.00 pm jew bejn l-4.30 pm u s-6.00 pm waqt li jkunu segwiti mill-għalliema. Minkejja dan, hija **r-responsabbilta` tal-ġenitur/i** li jiċċekkja/w li x-xogħol ikun sar kollu.

**It-tfal ser jibqgħu bl-uniformi?**

Jekk it-tfal jixtiequ jbiddlu, jistgħu jġibu tibdila magħhom. Jekk iridu jistgħu jġibu par slippers magħhom għall-kumdita`. Madanakollu it-tfal mhux ser ikollhom *lockers* jew post fejn jistgħu jżommu t-tibdila.

**Min jaħdem fi Klabb 3-16?**

Aħna nagħtu importanza sinjifikanti fl-għażla tal-ħaddiema li jeħtieġ li jkunu dedikati fuq il-ħarsien tat-tfal. Il-ħaddiema ta' Klabb 3-16 jiġu mgħażula wara proċess ta' għażla metikoluż. Il-ko-ordinaturi u ħafna mill -ħaddiema ikunu mitluba kwalifiki anki fl-ewwel għajnuna (*first aid*).

Il-Ko-ordinatur huwa responsabbli għat-tmexxija taċ-ċentru u huwa l-persuna prinċipali li magħha jseħħ il-kuntatt fiċ-ċentru rispettiv. *Homework Tutors*, li huma għalliema kwalifikati, jassistu lit-tfal fil-*homework* tagħhom. Il-*Play Workers* għandhom ċertifikati fil-ħarsien tat-tfal (C*hildcare*) u/jew *Playwork* jew huma fil-proċess li jottjenu dawn il-kwalifiki. Huma jorganizzaw attivitajiet bħal arti u krafts, qari ta' stejjer, sports, drama, mużika, tisjir, logħob liberu, eċċ.

Biex inkunu qed insegwu l-istandards nazzjonali tal-ħarsien tat-tfal, ir-rata tal-ħaddiema vis-à-vis it-tfal hija hekk: 1:15 (***etajiet*** 3-11), 1:20 (***etajiet*** 12-16).

**Jien interessat/a. Kif napplika?**

Il-ġenituri huma mħeġġa japplikaw billi jimlew il-Formola ta' Reġistrazzjoni billi :

- Jagħmlu appuntament mal-Ko-ordinatur
- Jiddownlowdjawha minn www.fes.org.mt
- Jistaqsu għal kopja biex tinbagħat lilhom billi jċemplu fuq 21455 600/7 jew jibagħtu imejl fuq : klabb316.medc@gov.mt

**Issa li applikajt kif nibbukkja s-servizz?**

Biex inti tibbukkja jekk jogħġbok ċempel lill-ko-ordinatur rispettiv taċ-ċentru.

Bukings jridu jsiru minn tal-inqas sal-Erbgħa tal-ġimgħa ta' qabel. Dan isir biex nassiguraw li jkun hemm numru adekwat ta' ħaddiema man-numru tat-tfal.

**Kif nikkanċella l-buking tiegħi?**

Għal kull kanċellazzjoni, jekk jogħġobkom ikkuntattjaw lill-Ko-ordinatur ta' kull ċentru. Biex nassiguraw is-sigurta` tat-tfal, inħeġġukom tavżaw liċ-ċentri kull meta jkun hemm kanċellazzjoni. Il-kanċellazzjoni tkun ikkonfermata mill-ġenitur u mhux mit-tfal.

**Hemm ħlas għall-użu tas-servizz ta' Klabb 3-16?**

Iva, is-servizz huwa bil-ħlas. Il-pagament isir minn qabel u jingħata lill-Ko-ordinatur ta' Klabb 3-16. L-ebda buking ma jkun ikkonfermat sakemm ma jsirx il-ħlas. Huwa ssuġġeriet li jsir buking minn qabel sabiex wieħed jevita li jibqa' ddiżappuntat.

Rata: **€1.20 fis-siegħa**

**Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġobkom ikuntattjawna fuq:**
Tel: 21 455 600/7
Imejl: klabb316.medc@gov.mt